# Tislima lill-Isqof Nikol Ġużeppi Cauchi – 1929-2010



Hekk kif Malta u Għawdex raqdu bl-aħbar li l-E.T. l-isqof emeritu ġie rikoverat l-isptar, nhar is-27 ta' Ottubru 2010, qamu lkoll magħquda fi ħsieb wieħed u f'talba waħda – it-talba u l-awgurju ta'fejqan ta' malajr għal Monsinjur Nikol Cauchi.

Fl-età venerabbli ta' 81 sena, meta saħħtu kienet għadha tippermettilu għat-tagħlim, l-omeliji, il-quddies u x-xandir – ħafna nies, speċjalment l-Għawdxin li kellhom ix-xorti japprezzaw il-preżenza tiegħu b'mod l-aktar mill-qrib, kienu għadhom iħossu li *l-isqof Nikol*, għad fadallu ħafna x'jagħtina bil-kelma doċli tiegħu. Dan kienu jixhduh mhux biss il-popolarità u l-imħabba li huwa jgawdi iżda anki l-kongregazzjonijiet għall-quddies li huwa kien imexxi b'mod regolari. Dan baqa' jagħmlu fi żminijiet partikolari matul is-sena liturġika anki fil-Katidral.

Skont ma rrappurtaw il-mezzi tax-xandir, l-Eċċellenza Tiegħu li ġie rikoverat l-isptar ġenerali t'Għawdex wara li ddaħħal b'diffikultajiet kardijaċi, ittieħed bl-arju lejn l-isptar *Mater Dei* f'Malta. L-aħbar ġriet mal-erbat irjieħ tad-dinja biex ngħidu hekk, kif Mons. Isqof Mario Grech mexxa l-aħbar l-ewwel u qabel kollox fost is-saċerdoti tad-djoċesi, li fi spirtu ta' fraternità saċerdotali u spirtu filjali lejn l-Isqof tagħhom mexxew lill-poplu Għawdxi fit-talb.

Fil-15 ta' Novembru imbagħad, is-Soċjetà Filarmonika Leone ssieħbet mad-djoċesi Għawdxija fis-sogħba u n-nikta għat-telfa tal-E.T. Mons. Isqof emeritu Nikol Ġużeppi Cauchi.

F'din l-okkażjoni, is-Soċjetà Filarmonika Leone wasslet il-kondoljanzi lill-familjari immedjati tal-E. T., lill-komunità ta' Sorijiet u Seminaristi residenti fis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù fejn huwa kien jgħix – sewwa tul l-Episkopat tiegħu u sewwa wara, kif ukoll lid-djoċesi Għawdxija u ħutu fis-saċerdozju, immexxija mis-suċċessur tiegħu Mons. Isqof Mario Grech.

Waqt li fakkret u sellmet lill-memorja għażiża tiegħu, is-Soċjetà Filarmonika Leone ħeġġet lill-membri u ħbieb tagħha sabiex jiftakru fih fit-talb tagħhom. Tul l-episkopat ta' 38 sena, ħafna kienu dawk il-ġrajjiet li għenu lis-Soċjetà tagħna ssawwar l-identità tagħha biex illum hija dik li hi.

Din kienet it-tislima ta' Mons. Joseph Bezzina, membru tal-Kapitlu tal-Katidral, li s-Soċjetà Filarmonika Leone ppubblikat f'jum il-funeral tal-Isqof Cauchi fis-17 ta' Novembru:

"Nixtieq nesprimi l-gratitudni tiegħi lejn l-E.T. Mons. Nikol Ġużeppi Cauchi li qed jgħaddilna wirt sabiħ u qaddis. Lil dan l-Isqof li tassew ħabb lill-Knisja ta' Kristu f'Għawdex u bata għaliha, nixtieq li nuruh l-apprezzament tagħna – L-isqof Mario Grech. Hekk





kiteb l-E.T. Mons. Mario Grech fl-ewwel ċirkulari tiegħu lil poplu tad-Djoċesi ta' Għawdex biex jesprimi r-radd ta' ħajr u l-apprezzament tiegħu lill-Isqof Nikol Cauchi għall-ħidma li wettaq tul l-episkopat twil tiegħu.

***L-isqof ta' wara l-konċilju***

L-Isqof Cauchi kellu biss 39 sena meta nhar l-24 ta' Frar 1967, il-Papa Pawlu VI ħatru biex ikun ir-ragħaj spiritwali tad-djoċesi ta' Għawdex. Kien daħal għal biċċa xogħol iebsa l-iktar imħabba l-fatt li kien għadu kif intemm il-Konċilju Vatikan II u allura kien meħtieġ li dak deċiż mill-Konċilju jkun mqiegħed fil-prattika fid-djoċesijiet kollha. Barra dan, hu wiret sitwazzjoni ta' parrokkjaliżmu li qajla kien faċli tinstab soluzzjoni għaliha. L-Isqof Cauchi ħareġ bl-unuri kollha fit-tnejn b'rebħa għall-Knisja ta' Kristu Għawdex u b'sodisfazzjon ta' kulħadd.

***Imwieled l-Għarb***

Nikol Ġużeppi Cauchi twieled il-Għarb, Għawdex, bin Ġużeppi Cauchi u Ġużeppina Portelli nhar it-2 ta' Marzu, 1929. Hu studja fl-iskola primarja tal-Għarb; fil-Liċeo, ir-Rabat; u l-kors Filosofiku u Teoloġiku fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù, Għawdex. Bhala seminarist kien ikkunsidrat wieħed mill-aħjar, dejjem jaqra u jistudja. Kien ukoll ikun minn ta' quddiem fir-reċiti fuq il-palk u, xi drabi, anki fil-kitba tal-istess reċiti. Nhar id-29 ta' Marzu 1952, l-Isqof Ġużeppi Pace ordnah qassis fil-Knisja Katidrali ta' Għawdex. Hu kompla l-istudji tiegħu fl-Università Pontifiċja Gregorjana, Ruma, minn fejn akkwista l-Baċċelerat, il-Liċenzjat, u d-Dottorat fil-Filosofija (Ph.D.). It-teżi dottorali tiegħu kienet fuq il-ħsieb filosofiku ta' Don Luigi Sturzo (1871-1959) – qassis u politiku Taljan li fis-sena 1919 waqqaf il-Partito Popolare Italiano. Dun Nikol temm ukoll b'suċċess Liċenzjat fix-Xjenzi Soċjali (Lic.Sc.Soc.). Bejn is-snin 1952 u 1956, meta hu kien joqgħod Ruma, għamel ħidma pastorali fil-parroċċa ta' Ladispoli, raħal barra minn Ruma.

***Kappillan fil-Fontana...***

Nhar it-3 ta' Mejju, 1956, l-Isqof Pace ħatru kappillan tal-Fontana, Għawdex. Fl-istess żmien beda jgħallem it-Taljan fis-Seminarju Minuri u l-Filosofija u s-Soċjoloġija fis-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex. Fl-istess żmien okkupa diversi karigi oħra: Assistent Ekkleżjastiku Ġenerali tal-Azzjoni Kattolika; Viċi-President tal-Ġunta Djoċesana fiż-żminijiet diffiċli ta' konfront bejn il-knisja u l-istat; l-ewwel *moral advisor* tal-Moviment ta' Kana f'Għawdex; fundatur u direttur spiritwali tal-Għaqda Ġurnalisti Għawdxin; Moderatur tal-Każijiet Morali; Eżaminatur Pro-Sinodali fil-Kurja; predikatur u konfessur imfittex ħafna. Fis-sena 1958, hu kien il-moħħ wara t-twaqqif tal-MAS – il-Moviment Azzjoni Soċjali, Għawdex – li tiegħu kien l-ewwel President. Fis-sena 1959 beda joħroġ il-*Gozo Year Book.* Ta wkoll sehem attiv fit-twaqqif tal-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex, li fis-sena 1961 kiseb ċerta awtonomija fit-tmexxija tal-gżira ta' Għawdex.

***Dun Nikol maħtur Isqof***

Fl-aħħar ta' Settembru 1962, Dun Nikol rriżenja minn kappillan mal-ħatra tiegħu bħala Prefett tal-Istudji fis-Seminarju. Hu beda bil-mod il-mod jirriforma l-kurrikulu tal-istudji kemm fis-Seminarju Minuri, kif ukoll fil-Maġġuri. F'Jannar 1965, inħatar ukoll editur tal-ġurnal djoċesan Għawdex (imwaqqaf Ġunju 1945) u li hu irriforma u żied mal-isem Il-ħajja f'Għawdex. Nhar it-2 ta' Marzu 1967, f'jum għeluq sninu, tħabbar li kien inħatar isqof awżiljarju ta' Għawdex, u fit-22 ta' Marzu, inħatar ukoll amministratur appostoliku. It-tmexxija tad-djoċesi għaddiet f'idejh. Ftit jiem wara, f'Ħamis ix-Xirka fil-għaxija, għalkemm kien għadu mhux ikkonsagrat, mexxa l-ewwel funzjoni fil-Katidral. Nhar id-9 ta' April 1967, l-E.T. Mons. Martin O'Connor, Nunzju Appostoliku għal Malta, ikkonsagrah isqof bit-titlu tas-Sede Titulari ta' Vico di Augusto. Il-Papa Pawlu VI ħatru bħala s-seba' isqof ta' Għawdex nhar l-20 ta' Lulju, 1972. Għamel l-ingress solenni fil-Katidral tal-Assunta nhar il-10 ta' Settembru.

***Episkopat ta' 38 sena***

Mhux possibli li ssemmi anki fil-qosor il-ħidma episkopali tul 38 sena, kemm riformi twettqu fil-ħajja djoċesana, kemm ġid sar matul l-episkopat tal-Isqof Cauchi. Iżda min irid ikun sinċier ma jistax ma





jammettix li l-Isqof Cauchi ħadem bis-sħiħ, iddedika ħajtu, l-enerġiji, u t-talenti sbieħ tiegħu għas-servizz tad-djoċesi Għawdxija.

Hemm ħafna oqsma fil-ħajja tal-Knisja f'Għawdex li għandhom il-marka tal-Isqof Cauchi. Uħud jafu l-eżistenza tagħhom mill-bidunett lilu, waqt li oħrajn ħa ħsiebhom bħal bidwi għaqli li mhux biss iħawwel il-ġdid iżda jikkura wkoll dak li jkun diġà mħawwel minn ħaddieħor. Għad jgħaddu s-snin... imma ħafna għad ikunu dawk li jibqgħu jiftakru b'imħabba lill-Isqof Cauchi u jibqgħu japprezzaw il-wirt li ħalla lid-djoċesi. Insemmi tlieta li jidhirli huma ta' importanza kbira.

### *L-aġġornament tal-kleru*

Mal-ewwel xhur tal-ħidma episkopali tiegħu beda jitħabat bis-sħiħ għall-aġġornament tal-kleru f'Għawdex. Beda b'riformi kbar fis-Seminarju Maġġuri u anki fil-Minuri. Kien regolarment jorganizza seminars u konferenzi biex jgħin fl-għarfien aħjar tat-tagħlim tal-Knisja. Beda jibgħat diversi saċerdoti ġodda ħalli jkomplu l-istudju tagħhom f'Universitajiet Ruma u hekk iggarantixxa l-futur tas-Seminarju. F'Novembru 1968, hu fetaħ librerija djoċesana b'kotba moderni fis-Seminarju biex isservi kemm għall-kleru, kif ukoll għas-seminaristi. Tħabat ħafna anki fuq livell materjali. Il-kleru Għawdxi ma kellu ebda dħul fiss. Ipprova litteralment, ilaqqat kemm jista' ħalli jkun jista' jipprovdi dħul fiss, anki jekk żgħir, lill-qassis Għawdxi. Nhar it-22 ta' Jannar 1975, waqt laqgħa tal-Kunsill Pastorali, hu ħabbar li xtaq ħafna li l-Kungress Pastorali li kien ser isir iservi bit-tħejjija għal Sinodu Djoċesan, jiġifieri laqgħat organizzati għat-tiġdid spiritwali tal-ħajja nisranija f'Għawdex. Is-Sinodu proprju infetaħ il-Katidral nhar il-11 ta' Ottubru 1992 u ngħalaq nhar it-22 ta' Novembru. L-atti sinodali kienu ppubblikati fid-9 ta' Marzu 1993.

### *L-iskola sekondarja għall-bniet*

Ħolma oħra tiegħu li hu ħadem għaliha bis-sħiħ kienet il-ftuħ ta' Skola Sekondarja tal-Knisja għall-Bniet. Kien iħobb jgħid u bir-raġun li Għawdex ma kienx hemm għażla. Għamlulu elf diffikultà u ried ikun bniedem tal-azzar bħalma kien l-isqof Cauchi biex jintrebaħ kull tfixkil. Iżda l-ħolma seħħet bil-ftuħ tal-iskola sekondarja imsejħa *Bishop's Conservatory* f'Settembru 2002.

### *Jirtira fl-2006*

Il-Ħadd, 15 ta' Jannar, 2006, kien mument speċjali u sabiħ għad-djoċesi Għawdxija. Dakinhar l-Isqof Nikol Cauchi temm il-mandat tiegħu bħala l-Isqof Djoċesan. Il-poplu Għawdxi nġabar bi ħġaru fil-Knisja Katidrali ta' Għawdex sabiex flimkien ma' Mons. Cauchi irodd ħajr lil Alla u lill-Ommna Marija tal-grazzji li ssawwabu fuqna permezz ta' l-istess Isqof Cauchi tul 38 sena ta' l-episkopat tiegħu b'risq id-Djoċesi tagħna, id-Djoċesi Għawdxija. F'din l-okkażjoni, numru ta' saċerdoti li jinsabu jwettqu l-ħidma tagħhom 'il barra minn xtutna ħallew il-parroċċi rispettivi tagħhom u ġew



ATTWALITÀ





Għawdex biex huma wkoll, bil-preżenza tagħhom, iroddu ħajr lill-Isqof Cauchi għal ħidma tiegħu. L-Isqof Cauchi, f'kelmtejn tal-okkażjoni, ħeġġeġ biex il-familja Għawdxija tissokta titlob flimkien b'mod speċjali bit-talba tar-rużarju. Talab ukoll skuża jekk xi darba seta' naqas lil xi ħadd. Id-diskors intlaqa' b'applaws kbir. Il-ħidma tal-Isqof Emeritus Nikol Cauchi ma ntemmitx dakinhar. Bil-kitba, bl-omeliji fil-quddies, u bil-programmi tiegħu fuq ir-radju, bit-tagħlim tal-Filosofija fis-Seminarju, suġġett li minn dejjem kien għal qalbu, hu kompla jagħti l-kontribut siewi tiegħu lid-djoċesi.

***L-aħħar ġranet tal-isqof Cauchi***

L-Isqof Nikol Cauchi kien rikoverat f'qagħda kritika fil-Cardiac Care Unit al-Isptar Ġenerali ta' Għawdex is-27 ta' Ottubru. L-għada ittieħed b'ħeliopter militari fl-isptar Mater Dei. F'dawn l-aħħar jiem deher li qiegħed irpilja għalkemm il-qagħda tiegħu baqgħet dejjem kritika. L-isqof Nikol auchi – is-sebgħa isqof ta' Għawdex – miet fl-isptar Mater Dei fis-sitta ta' il-għodu tal-15 ta' Novembru. Kien jum il-festa ta' San Albertu Kbir, filosofu kbir bħalu, qaddis li hu kien jammira ħafna tant li darba jien u hu morna flimkien fuq il-qabar tiegħu fil-kripta tal-knisja Dumnikana ta' St Andreas, Cologne.

L-Isqof Nikol Ġużeppi Cauchi mhux ser jintesa malajr mill-memorja u mill-affett tal-Għawdxin kollha b'mod ġenerali u l-iktar minn min kellu x-xorti li jsir jafu mill-qrib, għaliex ismu se jibqa' marbut intimament mal-ġrajja glorjuża ta' pajjiżna għal dejjem."

- - -

Wara jumejn għall-pubbliku fil-Kurja Veskovili fi Triq ir-Repubblika, huwa ġie ttrasportat f'korteo funebri lejn il-Katidral ta' Għawdex fiċ-Ċittadella. Kien Mons. Isqof Mario Grech, li ssuċċedih, akkumpannjat mill-W.R. Kapitlu Katidrali, li mexxa l-korteo funebri. Il-poplu kien immexxi mill-E.T. Dr George Abela, il-President ta' Malta, flimkien mal-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni, Membri Parlamentari, il-Prim Imħallef u Awtoritajiet Ċivili.

Delegazzjoni mis-Soċjetà Filarmonika Leone, immexxija mill-President, Dr Michael Caruana, imxiet wara l-korteo funebri bl-istandard tas-Soċjetà mgħotti bil-*crepe* sewda b'sinjal ta' luttu. Mal-wasla tagħhom, fil-post tat-tluq, membri mid-delegazzjoni daħlu l-kurja biex jonoraw ir-rispetti tagħhom lill-Isqof Cauchi u jagħtu l-kondoljanzi lill-familjari u lill-Isqof Grech.

L-Isqof Cauchi, għamel l-aħħar vjaġġ tiegħu matul dik it-telgħa lejn il-Katidral – dik li għal 38 sena sħaħ kienet il-Katidral *tiegħu*, bil-Katedra tiegħu, minn fejn id-djoċesi ħadet gost tisimgħu jgħallem bil-ħlewwa. Fis-17 ta' Novembru għamel l-aħħar vjaġġ tiegħu – vjaġġ simboliku u ferm sinjifikattiv, għall-bniedem, li ffissa l-ħarsa tiegħu fuq it-*telgħa*, fil-għoli, fuq il-ħwejjeġ li mhumiex ta' din id-dinja, biex hekk xħin temm il-kors tal-ħajja tiegħu fuq din l-art, tela' dik it-*telgħa* lejn dak li għalih kien imwiegħed.

B'mod konkret, l-Isqof Cauchi wkoll tellgħuh it-telgħa u l-ġisem tiegħu, wara Pontifikal funebri bl-ogħla dinjità u dekor kif kien jistħoqqlu, tqiegħed jistrieħ fis-sliem f'dak li kien doveruż u mwiegħed lilu – qabar fil-Katidral ta' Għawdex. Infatti, wara l-quddiesa, id-djoċesi ta' Għawdex flimkien mal-familjari tiegħu, raddew il-ġisem tal-Isqof Cauchi lill-art, f'qabar ġdid fil-kappella tar-relikwiji fil-Katidral, fuq il-lemin tal-altar maġġur, fejn hemm meqjum il-bust ta' Sant'Ursola.

L-akkumpannjament tas-Soċjetà Filarmonika Leone, wara l-korteo funebri, u l-attendenza għall-quddiesa funebri tiegħu, kienu żewġ ġesti żgħar, iżda li jsarrfu u jfissru ħafna. Għalina, li bħala istituzzjoni kellna ħafna kuntatti u relazzjonijiet mill-qrib mal-Isqof Cauchi, kien doveruż – anzi, kienet l-inqas ħaġa li stajna nagħmlu fiċ-ċirkustanzi – li nattendu u nuru l-gratitudni tagħna lejn dan l-isqof.